# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2111/99 GC**

**Elektra Limited**

**vs**

**Interior Design Resources Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1675.21c (elf sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) prezz ta' electrical accessories lilhom mibjugha u kkonsenjati skond diversi invoices oltre l-imghax legali mid-19 ta' Settembru 1997;

Illi s-socejta' konvenuta giet diversi drabi interpellata biex thallas l-ammont pendenti anke tramite ittra ufficcjali tat-8 ta' Lulju 1999 pero baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut;

Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni valida x'tissoleva;

Illi l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' Lm1675.21c oltre l-imghax legali mid-19 ta' Settembru 1997 ta' electrical accessories lilhom mibjugha u kkonsenjati skond statament of account hawn anness u mmarkat dokument "A";

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 1999, mandat ta' qbid numru /1999 u tal-mandat ta' sekwestru numru /1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccpit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ikkonsenja l-merkanzija in kwistjoni tardivament u b'konsegwenza hija inkorriet danni ntortament;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghandu jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi u dana nonostante li nghatat kull opportunita' f'dan ir-rigward;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' elf sitt mija hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1675.21) prezz ta' electrical accessories lilhom mibjugha u kkonsenjati u dana bl-imghax legali mid-19 ta' Settembru 1997 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.